


Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali –Industrija Intenstvi: kontribuzzjoni għall-prestazzjoni ekonomika u l-impjegi fl-Unjoni Ewropeja

Rapport ta' Analiżi tal-Livell tal-Industrija Settembru 2013

Proġett konġunt bejn l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u
l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern

SOMMARJU EŻEKUTTIV





UFFIĊĊJU GĦALL-ARMONIZZAZZJONI
FIS-SUQ INTERN
(TRADE MARKS U DISINJI)

Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettuali –industriji intensivi: kontribuzzjoni għall-prestazzjoni ekonomika u l-impjieg fl-Unjoni Ewropeja

Rapport ta' Analiżi tal-Livell tal-Industrija Settembru 2013

Proġett konġunt bejn l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u
l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern

Daħla

L-innovazzjoni hija waħda mill-oqsma koperti mill-ħames miri ewlenin stabbiliti fl-“Ewropa 2020”, l-istrateġija ta’ tkabbir għal għaxar snin adottata mill-Unjoni Ewropea bil-għan li tinħoloq ekonomija aktar kompetittiva b’aktar impjegji. Qatt ma kien daqshekk importanti li jitrawwem iċ-“ċirku virtuż” li jvarja mill-investment fl-R&Ż sal-impjegji – permezz tal-innovazzjoni, il-vantaġġ kompetittiv u s-suċċess ekonomiku – bħal fid-dinja ta’ llum ta’ swieq dejjem aktar globalizzati u l-ekonomija tal-għarfien. Dan il-proċess jiddependi fuq diversi fatturi differenti, iżda ċertament sistema effiċjenti ta’ drittijiet ta’ proprjetà intellettuali (IPR) hija fost l-aktar importanti, fid-dawl tal-kapaċità tal-IP li tħeġġeġ il-kreattività u l-innovazzjoni, fid-diversi forom tagħha, fl-ekonomija kollha.

L-Ewropa diġà għandha tradizzjoni twila f’dan il-qasam: Il-pajjiżi Ewropej kelhom rwol importanti fit-tfassil ta’ sistema tal-IPR moderna u bbilanċjata li mhux biss tiggarrantixxi premju xieraq lill-innovaturi iżda li tistimula wkoll suq kompetittiv. Għalhekk huwa essenzjali li jiġi żgurat li s-sistema tibqa’ strument utli fl-implimentazzjoni ta’ politiki ta’ innovazzjoni ġodda mfassla biex jintlaħqu dawn il-miri. Fl-istess ħin, kien hemm diversi sejħiet mill-industrija għal indikaturi biex jitkejjel l-impatt ekonomiku tal-IPR. Barra minn hekk, fid-dawl tad-dubji li xi drabi tqajmu f’dibattiti pubbliċi dwar ir-rwol tal-IP fl-appoġġ tal-innovazzjoni u l-kreattività, huwa essenzjali li jkun jistgħu jiġu prodotti fatti u figuri biex jiġi żgurat li dan id-dibattitu jkun ibbażat fuq evidenza soda.

Din hija r-raġuni għaliex l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), billi jaġixxi permezz tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet ta’ Proprjetà Intellettuali, u l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (EPO) iddeċidew li jaħdmu flimkien u jwettqu dan l-istudju b’kooperazzjoni mal-Kummissjoni tal-UE, b’mod partikolari d-DĠ Suq Intern u Servizzi u l-Eurostat.

Diġà kien hemm diversi studji dwar drittijiet tal-IP speċifiċi, setturi industrijali jew pajjiżi, iżda l-istudju tal-EPO tal-UASI huwa l-ewwel wieħed li kkwantifika l-kontribuzzjoni globali li għamlu l-IPR – industriji intensivi għall-ekonomija tal-UE – f’termini ta’ produzzjoni, impjegji, pagi u kummerċ, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-IP ewlenin (privattivi, marki kummerċjali, disinnji, drittijiet tal-awtur, indikazzjonijiet ġeografiċi). Minkejja l-approċċ konservattiv, rifless fil-metodoloġija rigoruża applikata, ir-riżultati ewlenin huma impressjonanti ħafna: L-industriji intensivi fl-IPR jiġġeneraw aktar minn kwart tal-impjegji u aktar minn terz tal-attività ekonomika fl-UE.

Aħna li naħdmu mal-EPO u l-UASI nittamaw li dan l-istudju jirriżulta bħala sors utli ta' informazzjoni għall-gruppi fil-mira kollha (eż. dawk li jfasslu l-politika, l-uffiċċji tal-IP, l-industrija u l-akkademiċi). Għadna f'moħħna li naġġornaw iċ-ċifri regolament biex inkunu nistgħu nissorveljaw ix-xejriet tal-futur, u nittamaw ukoll li nespandu dan l-istudju biex ikopri pajjiżi Ewropej mhux tal-UE oħra. Fid-dawl tal-għarfien interessanti li jista' jinkiseb mill-paragun, nilqgħu bi pjaċir studju simili dwar reġjuni oħra tad-dinja.



António Campinos
President, UASI



Benoît Battistelli
President, EPO

Tim tal-Proġett Konġunt

UASI

EPO

Nathan Wajzman, Ekonomista Ewlieni

Nikolaus Thumm, Ekonomista Ewlieni
(sa Ġunju 2013)

Michał Kazimierzak, Ekonomista

Carolina Arias Burgos, Ekonomista

Francisco García Valero, Ekonomista

Antanina Garanasvili, Konsulent Ekonomiku

George Lazaridis, Ekonomista

Fabio Domanico, Ekonomista

Geert Boedt, Analista tad-Dejta

Andrei Mihailescu, Assistent għar-Riċerka

Haġr

Fit-tfassil ta' dan ir-rapport, l-awturi rċevew kontribut utli mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tar-Renju Unit (UK-IPO), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) u l-Uffiċċju tal-Privattivi u t-Trademarks tal-Istati Uniti (USPTO) - li r-rapport tiegħu dwar l-industriji intensivi fl-IPR tal-Istati Uniti kien l-ewwel studju ta' dan it-tip.

L-uffiċċju tal-istatistika tal-Unjoni Ewropa, l-Eurostat, ipprova assistenza siewja biex jiġu eliminati n-nuqqasijiet fl-istatistika ppubblikata u biex sussegwentement jiġu vverifikati r-riżultati.

L-awturi huma wkoll grati għall-kummenti dwar l-abbozz ta' rapport mid-Direttorat Ġenerali tal-Unjoni Ewropea – Suq Intern u Servizzi; Lord Joh Mogg, President tal-Bord Konsultattiv tal-Osservatorju Ewropej dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali; Ian Hargreaves, Professur tal-Ekonomija Diġitali, I-Università ta' Cardiff, Tony Clayton, Ekonomista Ewlieni tal-IPO tar-Renju Unit u Mariagrazia Squicciarini, Ekonomista Ewlieni, OECD.

Wieħed mill-mandati tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet ta' Proprietà Intellettwali ("l-Osservatorju")¹ huwa li jipprovi dejta bbażata fuq l-evidenza dwar l-impatt, ir-rwol u l-perċezzjoni tal-pubbliku tal-proprietà intellettwali fl-ekonomija tal-Unjoni Ewropea (UE). Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Osservatorju qiegħed imexxi programm ta' studji soċjoekonomiċi. Bl-istess mod, l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (EPO) għandu l-għan li jqa-jjem kuxjenza dwar l-importanza ekonomika u soċjali tas-sistema tal-proprietà industrijali.

Dan ir-rapport, li twettaq bħala proġett konġunt bejn l-UASI u l-EPO, u li jibbenefika mill-kontribut minn uffiċċji tal-IP oħra, is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea u organizzazzjonijiet internazzjonali, huwa l-ewwel studju ewlieni mill-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet. Għandu l-għan li jipprovi l-ewwel valutazzjoni wiesgħa u kredibbli dwar il-kontribuzzjoni kkombinata tal-industriji li jagħmlu użu intensiv tad-diversi tipi ta' drittijiet ta' proprietà intellettwali (IPR) għall-ekonomija tal-UE kollha kemm hi u l-Istati Membri individwali. FI-1 ta' Lulju 2013, il-Kroazja saret it-28 Stat Membru tal-UE. Madankollu, peress li ma kienx hemm biżżejjed dejta disponibbli għall-Kroazja meta twettqet l-analiżi fil-Ħarifa 2012 u r-Rebbiegħa 2013, l-Istudju jinkludi biss is-27 Stat Membru ta' qabel Lulju 2013.

1 - L-Osservatorju ġie ttrasferit lejn l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) skont ir-Regolament (UE) Nru 386/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2012, li daħal fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju 2012.

L-istudju jkopri firxa wiesgħa ta' IPR²—marki kummerċjali, privattivi, disinj, drittijiet tal-awtur u indikazzjonijiet ġeografiċi (GIs) - u jqis varjetà sħiħa ta' indikaturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-prodott domestiku gross (PDG), l-impjegji, il-kummerċ estern u l-pagi. Ma jinkludi l-ebda rakkomandazzjoni politika, peress li dan ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Minflok, huwa mfassal biex jipprovdi evidenza li dawk li jfasslu l-politika jistgħu jużaw xogħolhom u biex iservi bħala bażi biex iqajjem kuxjenza dwar l-IP fost il-pubbliku fl-Ewropa.

L-istudju huwa maħsub biex jipprovdi riżultati li jistgħu jitqabblu ma' dawk miksuba għall-ekonomija tal-Istati Uniti. Għalhekk il-metodoloġija użata hija relatata mill-qrib ma' dik użata fl-istudju pjunier ippubblikat f'Marzu 2012 mill-Amministrazzjoni tal-Ekonomija u l-Istatistika fi ħdan id-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti u l-Uffiċċju tal-Privattivi u l-Marki Kummerċjali tal-Istati Uniti (UPSTO).³

2 - Jaf ikun utli li jiġu ddefiniti b'mod aktar ċar xi wħud mit-termini relatati mal-IP użati f'dan ir-rapport. "IP", ġeneralment, iżda mhux dejjem hija riżultat ta' innovazzjoni. Madankollu, hija terminu usa' minn "IPR", peress li tinkludi tipi ta' għarfien, bħal sigrieti tal-mestier jew metodi ta' negozju, li mhumiex irreġistrati, jew peress li s-sistema legali rilevanti ma tipprevedix ir-regjistrazzjoni tagħhom jew peress li d-ditta għażlet li ma tipproteġihomx. F'dan l-istudju, "IPR" jintuża biex jirreferi għall-fames drittijiet inklużi fl-analiżi: privattivi, marki kummerċjali, disinj rreġistrati, dritt tal-awtur u indikazzjonijiet ġeografiċi.

3 - Għall-finijiet ta' simpliċità, l-istudju mwettaq mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti u l-USPTO, f'dan ir-rapport huma magħruf bħala l-"istudju tal-USPTO".

Sejbiet ewlenin

L-Industriji intensivi fl-IPR jikkontribwixxu

għal 26 % tal-impjegati tal-UE u għal 39 %

tal-PDG tal-UE

L-industriji intensivi fl-IPR huma ddefiniti⁴ bħala dawk li għandhom użu li jaqbeż il-medja ta' IPR għal kull impjegat. Dan l-istudju jindika li madwar nofs l-industriji Ewropej jistgħu jitqiesu bħala intensivi fl-IPR. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat, li kull industrija sa ċertu punt tuża d-drittijiet tal-IP. Billi jiffoka biss fuq l-industriji intensivi fl-IPR, dan l-istudju probabbilment jissottovaluta l-kontribut reali tad-drittijiet tal-IP fl-ekonomija Ewropea.⁵

Dawn l-industriji intensivi fl-IPR urew li ġġeneraw kważi 26 % mill-impjegati kollha fl-UE matul il-perjodu 2008-2010, bi kważi 21 % fl-industriji intensivi fil-marki kummerċjali, 12 % fl-industriji intensivi fid-disinji, 10 % fl-industriji intensivi fil-privattivi, u proporzjonijiet iżgħar fl-industriji intensivi fid-drittijiet tal-awtur u dawk intensivi fil-GI.⁶ Bħala medja matul dan il-perjodu, 56.5 miljun Ewropew kienu impjegati mill-industriji intensivi fl-IPR, minn total ta' forza tax-xogħol ta' madwar 218-il miljun. Barra minn hekk, kienu ġġenerati 20 miljun impjegat ieħor f'industriji li jfornu prodotti u servizzi lill-industriji intensivi fl-IPR. Meta wieħed iqis l-impjegati indiretti, in-numru totali ta' impjegati li jiddependu fuq IPR jitle' għal kważi 77 miljun (35.1 %).

Matul l-istess perjodu, l-industriji intensivi fl-IPR iġġeneraw kważi 39 % tal-attività ekonomika totali (PDG) fl-UE, li tirrappreżenta € 4.7 triljun. Dawn ammontaw ukoll għal biċċa kbira tal-kummerċ tal-UE mal-bqija tad-dinja, bl-industriji intensivi fid-disinji, intensivi fid-drittijiet tal-awtur u intensivi fil-GI jġġeneraw bilanċ favorevoli fil-kummerċ.

L-industriji intensivi fl-IPR iħallu wkoll pagi sinifikament oġġla minn industriji oħra, bi primjum ta' paga ta' aktar minn 40 %. Dan huma konsistenti mal-fatt li l-valur miżjud għal kull ħaddiem huwa oġġla fl-industriji intensivi fl-IPR minn kwalunkwe parti oħra tal-ekonomija.

Il-kontribuzzjoni tal-industriji intensivi fl-IPR għaż-żewġ indikaturi ekonomiċi prinċipali, l-impjegati u l-produzzjoni, hija miġbura fil-qosor fit-tliet tabelli ta' hawn taħt.⁷

4 -Ara l-Kapitolu 4 dwar il-"Metodoloġija".

5 - Madankollu, għandu jiġi mfakkar li partijiet kbar mill-ekonomija, speċjalment is-settur pubbliku, ma jistgħux jitqiesu bħal intensivi fl-IPR.

6 - Il-kontribuzzjoni totali ta' industriji intensivi fl-IPR hija anqas mis-somma tal-kontribuzzjonijiet ta' industriji intensivi fil-marki kummerċjali, intensivi fil-privattivi, intensivi fid-disinji, intensivi fid-drittijiet tal-awtur, intensivi fil-GI peress li ħafna industriji huma intensivi fir-rigward ta' aktar minn dritt tal-IP wieħed. Madankollu, il-metodoloġija tal-istudju tiżgura li l-kontribuzzjonijiet tal-industrija ma jiġux magħduda darbtejn.

7 - Sabiex jitnaqqas l-impatt tan-nuqqasijiet ta' dejta fl-istatistika ekonomika u jiġi evitat li tingħata attenzjoni żejda lil sena partikolari, l-indikaturi ekonomiċi ġew ikkalkulati bħala medja għas-snin 2008-2010.

Kontribut dirett tal-industriji intensivi fl-IPR għall-impjegi

Dritt tal-IP	Impjegi	Sehem ta' impjegi totali
Industriji intensivi fil-marki kummerċjali	45 508 046	20.8%
Industriji intensivi fid-disinji	26 657 617	12.2%
Industriji intensivi fil-privattivi	22 446 133	10.3%
Industriji intensivi fid-drittijiet tal-awtur	7 049 405	3.2%
Industriji intensivi fil-GI	374 345	0.2%
L-industriji kollha intensivi fl-IPR	56 493 661	25.9%
Total tal-ekonomija tal-UE	218 400 733	

Minbarra l-kontribut dirett tagħhom għall-impjegi, l-industriji intensivi fl-IPR jiġġeneraw ukoll l-impjegi f'industriji oħra li mhumiex intensivi fl-IPR li jfornuom bi prodotti u servizzi bħala kontributi għall-proċessi ta' produzzjoni tagħhom. Permezz tat-Tabelli ta' Kontribut Produzzjoni tal-UE²⁷ ippubblikati mill-Eurostat, huwa possibli li jiġi kkalkulat l-effett indirett fuq l-impjegi f'industriji li mhumiex intensivi fl-IPR. Ir-riżultat huwa miġbur fil-qosor fit-tabella ta' hawn taħt, li turi t-tqassim skont l-impjegi diretti u indiretti. Jekk jiġu inklużi impjegi indiretti fil-kalkolu, 35.1 % tal-impjegi tal-UE huma kkontribwiti mill-industriji intensivi fl-IPR.

8 - Saṅnaudų ir produkcijos lentelėse pateikiami prekių ir paslaugų srantai tarp visų ekonomikos pramonės sektorių.

Kontribut dirett u indirett tal-industriji intensivi fl-IPR għall-impjegi

Dritt tal-IP	Impjegi	Occupazi- one (indiretto)	Occupazione (diretto+indiretto)
Industriji intensivi fil-marki kummerċjali	45,508,046	17,600,397	63,108,443
Industriji intensivi fid-disinji	26,657,617	12,121,817	38,779,434
Industriji intensivi fil-privattivi	22,446,133	12,738,237	35,184,370
Industriji intensivi fid-drittijiet tal-awtur	7,049,405	2,331,390	9,380,795
Industriji intensivi fil-GI	n/a	n/a	374,345
L-industriji kollha intensivi fl-IPR	56,493,661	20,109,003	76,602,664

Minbarra l-impjegi, l-industriji intensivi fl-IPR jikkontribwixxu għall-kontribut ekonomiku, kif imkejjel mill-prodott domestiku gross. B'mod ġenerali, kważi 39 % tal-PDG tal-UE huwa ġġenerat fl-industriji intensivi fl-IPR, bl-industriji intensivi fil-marki kummerċjali jammontaw għal 34 %, l-industriji intensivi fid-disinji għal 13 %, l-industriji intensivi fil-privattivi għal 14 % u l-industriji intensivi fid-drittijiet tal-awtur għal proporzjonijiet iżgħar. Il-Kapitolu 6 jipprovdi tqassim aktar iddettaljat ta' dawn il-kontribuzzjonijiet tal-industriji għall-ekonomiji nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE.

Kontribut tal-industriji intensivi fl-IPR għall-PDG

Dritt tal-IP	Valur Miżjud / PDG	Bendro ES BVP procentinè dalis
Industriji intensivi fil-marki kummerċjali	4,163,527	33.9%
Industriji intensivi fid-disinji	1,569,565	12.8%
Industriji intensivi fil-privattivi	1,704,485	13.9%
Industriji intensivi fid-drittijiet tal-awtur	509,859	4.2%
Industriji intensivi fil-GI	16,134	0.1%
L-industriji kollha intensivi fl-IPR	4,735,262	38.6%
Total tal-PDG tal-UE	12,278,744	

Meta wieħed iqabbel ir-riżultati ta' dan l-istudju tal-UE ma' dawk tal-Istati Uniti, jinnotta li ż-żewġ ekonomiji⁹ għandhom struttura simili, kif inhu mistenni fid-dawl tal-livelli simili ta' żvilupp. Madankollu, f'termini tal-kontribuzzjoni tal-industriji intensivi fl-IPR, is-sehem fl-impjegi u l-PDG huwa kemmxejn oġhla fl-UE: 26 % meta mqabbel ma' 19 % għall-impjegi u 39 % meta mqabbel ma' 35 % għall-PDG.

Madankollu, fiż-żewġ studji, l-industriji intensivi fil-marki kummerċjali jammontaw għall-oġhla sehem kemm fl-impjegi kif ukoll fil-PDG, segwiti mill-privattivi u d-drittijiet tal-awtur fl-Istati Uniti u d-disinji, il-privattivi u d-drittijiet tal-awtur fl-UE. Bl-istess mod, il-primjums tal-pagi fl-industriji intensivi fl-IPR meta mqabbla ma' industriji oħra huma simili: 41 % fl-UE u 42 % fl-Istati Uniti, bl-industriji intensivi fid-drittijiet tal-awtur u dawk intensivi fil-privattivi jkollhom l-oġhla primjums fiż-żewġ naħat tal-Atlantiku.

9 - B'differenza mill-istudju tal-USPTO, dan l-istudju kien jinkludi disinji. Peress li l-biċċa l-kbira tal-industriji intensivi fid-disinji huma wkoll intensivi fil-marki kummerċjali jew intensivi fil-privattivi, fi kwalunkwe każ ikunu ġew inklużi bħala intensivi fl-IPR. Madankollu, hemm 13-il industrija, li timpjega 3.4 miljun ħaddiem fl-UE, li huma esklussivament intensivi fid-disinji. Jekk wieħed ineħħi dawn l-industriji mill-analiżi sabiex jiżgura komparabbiltà stretta mal-Istati Uniti, allura s-sehem tal-impjeg tal-industriji intensivi fl-IPR fl-UE jkun ta' 24.3 %, li xorta huwa oġhla mir-riżultat milħuq fl-istudju tal-USPTO

Peress li 39 % tal-PDG (valur miżjud) fl-ekonomija u 26 % tal-impjeggi huma ġġenerati fl-industriji intensivi fl-IPR, il-valur miżjud għal kull impjegat huwa ogħla fl-industriji intensivi fl-IPR milli fil-bqija tad-dinja. It-teorija ekonomika tindika li, jekk kollox jibqa' l-istess, huwa mis-tenni li l-industriji li fihom il-ħaddiem medju jipproduċi aktar valur miżjud iħallsu lill-ħaddiema tagħhom pagi ogħla minn industriji oħra. Għalhekk huwa ta' rilevanza li jiġi eżaminat jekk dan il-valur miżjud ogħla huwiex rifless fil-pagi relattivi fl-industriji intensivi fl-IPR.

Il-pagi fl-industriji intensivi fl-IPR huma tabilħaqq ogħla milli fl-industriji mhux intensivi fl-IPR. Il-paga medja ta' kull ġimgħa f'industriji intensivi fl-IPR hija € 715, meta mqabbla ma' € 507 f'industriji mhux intensivi fl-IPR– differenza ta' 41 %. Il-“primjum ta' paga” hija ta' 31 % fl-industriji intensivi fid-disinji, 42 % fl-industriji intensivi fil-marki kummerċjali, 46 % fl-industriji intensivi fil-GI, 64 % fl-industriji intensivi fil-privattivi u 69 % fl-industriji intensivi fid-drittijiet tal-awtur.

Spiża medja tal-persunal fl-industriji intensivi fl-IPR, 2010

	Spiża medja tal-persunal (€ għal kull ġimgħa)	Primjum (meta mqabbel ma' indus- triji mhux intensivi fl-IP)
Industriji intensivi fil-marki kummerċjali	719	42%
Industriji intensivi fid-disinji	666	31%
Industriji intensivi fil-privattivi	831	64%
Industriji intensivi fid-drittijiet tal-awtur	856	69%
Industriji intensivi fil-GI	739	46%
L-industriji kollha intensivi fl-IPR	715	41%
L-industriji kollha li mhux intensivi fl-IPR	507	
L-industriji kollha (inklużi fl-SBS)	589	

Finalment, għe eżaminat ir-rwol li għandhom l-industriji intensivi fl-IPR fil-kummerċ estern. Il-biċċa l-kbira tal-kummerċ tal-UE huwa f'industriji intensivi fl-IPR. Għall-ewwel jaf tkun sorpriża li parti kbira minn dawn l-importazzjonijiet hija intensiva fl-IPR. Dan peress li anki l-industriji li jipproduċu komoditajiet bħall-enerġija huma intensivi fl-IPR,¹⁰ filwaqt li min-naħa l-oħra, ħafna mill-attivitajiet li mhux intensivi fl-IPR mhumiex kummerċjabbli wkoll.¹¹ Għal din ir-raġuni, 88 % tal-importazzjonijiet tal-UE jikkonsistu minn prodotti tal-industriji intensivi fl-IPR. Madankollu, sehem saħansitra ogħla mill-esportazzjonijiet tal-UE, 90 % huma rrappreżentati mill-industriji intensivi fl-IPR.

L-UE kollha kemm hi kellha defiċit tal-kummerċ ta' madwar € 174 biljun, jew 1.4 % tal-PDG. Peress li l-industriji intensivi fl-IPR b'mod ġenerali jkollhom sehem ogħla fl-esportazzjoni tal-UE milli fl-importazzjonijiet tal-UE, iħallu kontribut pożittiv fil-pożizzjoni kummerċjali tal-UE.¹² L-UE għandha defiċit tal-kummerċ fil-prodotti intensivi fil-marki kummerċjali u dawk intensivi fil-privattivi, li sa ċertu punt huwa kkompensat mill-bilanċ kummerċjali favorevoli fl-industriji intensivi fid-drittijiet tal-awtur, intensivi fid-disinn u intensivi fil-GI.

It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor il-kummerċ fl-industriji intensivi fl-IPR, abbażi tad-dejta mill-2010.¹³

Kummerċ estern tal-UE f'industriji intensivi fl-IPR

Dritt tal-IP	Espor-tazzjoni (€ miljun)	Impor-tazzjoni (€ miljun)	Sehem ta' espor-tazzjoni	Sehem ta' impor-tazzjoni	Espor-tazzjoni netta (€ miljun)
Intensivi fil-marki kummerċjali	1,023,981	1,158,860	75.5%	75.7%	-134,879
Industriji intensivi fid-disinj	724,292	703,586	53.4%	46.0%	20,707
Industriji intensivi fil-privatti	957,748	1,049,795	70.6%	68.6%	-92,047
Industriji intensivi fid-drittijiet tal-awtur	57,051	41,727	4.2%	2.7%	15,325
Industriji intensivi fil-GI	10,577	1,836	0.8%	0.1%	8,741
Total tal-intensivi fl-IPR	1,226,015	1,351,890	90.4%	88.3%	-125,875
Industriji mhux intensivi fl-IPR	130,585	178,640	9.6%	11.7%	-48,055
TOTAL TAL-KUMMERĊ TAL-UE	1,356,600	1,530,530	100%	100%	-173,930

10 - Iż-żewġ industriji fit-taqsimi NACE 06 – estrazzjoni ta' żejt mhux raffinat u gass naturali - huma intensivi fil-privattivi.

11 - Pereżempju, l-industriji tas-servizzi bħal dawk fit-taqsimi NACE 86 (attivitajiet tas-saħħa tal-bniedem) jew 96 (attivitajiet tas-servizzi personali). Dawn is-servizzi ġeneralment jiġu kkunsmati fil-punt ta' produzzjoni.

12 - Mod ieħor li wieħed jista' jħares lejn dan huwa li l-industriji intensivi fl-IPR jirrappreżentaw 88 % tal-kummerċ estern tal-UE iżda biss 72 % tad-defiċit ta' kummerċ tagħha.

13 - Bħal dawk għall-impjegji u l-PDG, iċ-ċifri għall-ħames drittijiet tal-IP ma jilhuqx iċ-ċifra globali għall-industriji intensivi fl-IPR peress li ħafna mill-industriji huma intensivi faktar minn dritt tal-IP wieħed.

Metodoloġija u dejta

Parti kbira minn dan ir-rapport, b'mod speċifiku l-Kapitolu 4 u l-Appendiċi 7.1 huma ddedikati għad-dokumentazzjoni tal-metodoloġija tal-istudju, għal żewġ raġunijiet ewlenin:

- 1) Fid-dawl tal-kompleksità li jiġi ttrattat ammont kbir ta' dejta mis-27 Stat Membru, li tinsab f'diversi databases kbar, kienet meħtieġa metodoloġija ġdida u sofistikata li tqabbel id-dejta;
- 2) Fl-interess tat-trasparenza, kien importanti li tiġi pprovduta deskrizzjoni kemm jista' jkun iddettaljata tal-metodoloġija.

Karatteristika oħra li tiddistingwi dan l-istudju hija l-varjetà wiesgħa ta' databases u sorsi ta' dejta oħra li ntużaw biex jiġi stabbilit liema industriji huma intensivi fl-IPR u biex tiġi vvalutata l-kontribuzzjoni tagħhom għall-impjegi, il-PDG u indikaturi ekonomiċi oħra. Fil-Kapitolu 4 hija inkluża lista sħiħa.

Barra minn hekk, fejn kien meħtieġ intużat dejta speċifika għall-industrija ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari biex jiġi stmat il-kummerċ tal-prodotti GI.

Sabiex jiġi stabbilit liema industriji huma intensivi fl-IPR, id-databases ta' reġistrazzjoni tal-UASI u l-EPO tqabblu mad-database kummerċjali ORBIS.¹⁴ Id-database korrispondenti li rriżulta kien jinkludi dejta dwar madwar 240 000 kumpanija, inkluż in-numru ta' marki kummerċjali Komunitarji, disinji Komunitarji rreġistrati u privattivi li saret applikazzjoni għalihom minn kull kumpanija, flimkien mal-klassifikazzjoni tal-industrija u diversi fatturi finanzjarji u ekonomiċi varjabbli għal kull wieħed minnhom, li jipprovdu sett ta' dejta li tista' tintuża f'studji aktar iddettaljati fil-ġejjieni.

Permezz ta' din id-database, in-numru ta' marki kummerċjali, disinji u privattivi għal kull impjegat ġie kkalkulat għal kull industrija, u dawk li kienu jaqbz u l-medja skont din il-miżura kienu kkunsidrati bħala intensivi fl-IPR. Iċ-ċifri kienu kkalkulati fuq il-livell tal-UE, filwaqt li ma tliegħed l-ebda kont tal-preżentazzjonijiet nazzjonali tal-kumpaniji fid-database. Madankollu, dan l-approċċ, parzjalment meħtieġ minħabba limitazzjonijiet tad-dejta, kien

14 - ORBIS hija database ta' informazzjoni finanzjarja dwar il-kumpaniji Ewropew, ipprovduta minn Burea van Dijk u bbażata fuq dejta miksuba minn preżentazzjonijiet ta' kumpaniji f'reġistri ta' kumpaniji jew rekords simili fid-diversi pajjiżi.

iġġustifikat mis-suppożizzjoni li industrija ddefinita bħala intensiva fl-IPR ibbażata fuq ir-reġistrazzjoni ta' drittijiet ta' IP fil-livell tal-UE, bl-istess mod titqies intensiva fl-IPR jekk id-drittijiet nazzjonali tal-IP tagħha għal kull impjegat kienu ġew inklużi wkoll.

Suppożizzjoni fundamentali wara l-metodoloġija adottata f'dan l-istudju hija li l-grad li bih industrija hija intensiva fl-IPR huwa karatteristika intrinsika ta' dik l-industrija, irrispettivament minn fejn tkun sitwata¹⁵. Fil-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' kull industrija għall-ekonomija, dak li jkunu qegħdin jitkejlu huma l-impjegati u l-PDG iġġenerati minn dik l-industrija f'kull Stat Membru u fl-UE, u mhux l-oriġini tal-IPR sottostanti.

Pereżempju, jekk kumpanija tal-karozzi bbażata f'pajjiż A tibni impjant ta' assemblaġġ f'pajjiż B, allura l-impjegati u l-valur miżjud maħluqa bħala riżultat ta' dan, jingħaddu mal-ekonomija ta' pajjiż B. Għalhekk, ma tista' titfassal l-ebda konklużjoni dwar kemm pajjiż partikolari huwa innovattiv abbażi ta' dan l-istudju waħdu. Il-kontribuzzjoni akbar tal-industriji intensivi fil-privattivi tista' bl-istess mod tkun ir-riżultat ta' deċiżjonijiet dwar fejn tiġi sitwata l-produzzjoni li jkunu ttieħdu f'pajjiż differenti.

Il-Kapitolu 7 juri f'liema pajjiżi joriġinaw il-privattivi, il-marki kummerċjali u d-disinji fid-database użata għal dan l-istudju u jippreżenta statistika dwar il-proporzjon ta' impjegati fl-industriji intensivi fl-IPR f'kull Stat Membru li jinħolqu f'kumpaniji bbażati fi Stat Membri oħra jew barra l-UE.

15 - L-eċċezzjoni hija l-GI li hija analizzata fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż.

www.epo.org

www.oami.europa.eu

